MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 635/2002/1

**Giorgina Gatt.**

**-vs-**

**Dr. Tonio Azzopardi u PL Hilda Ellul Mercer u b'digriet ta' 21 ta' Gunju 2002 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapresentaw l-eredita' gjacenti tal-mejjet Eduard Vassallo.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-3 ta' Gunju, 2002 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-konvenuti huma eredi ta' Eduard Vassallo li miet bejn is-sittax (16) ta' Novembru 2001 u t-tmientax (18) ta' Novembru 2001 u dan kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt hawnhekk anness u mmarkat bhala Dokument A.

Li l-attrici ilha tiehu hsieb u tirrendi servigi kostanti u regolari fejn tissajjarlu, tnaddaflu, tahsillu, tixtrilu u taghmel dak kollu mehtieg ghall-istess Eduard Vassallo ghal bosta snin b'mod partikolari meta ma kienx jiflah u dan kif se jigi muri tul is-smiegh tal-kawza.

Li l-istess Eduard Vassallo kien dejjem iserhilha rasha li kien ser jahseb fiha wara mewtu.

U li fil-fatt Eduard Vassallo miet intestat u dan kif jidher mill-annessi dokumenti mmarkati B u C.

U li l-istess attrici hadet hsieb taghmillu kollox.

U li l-attrici ma tafx min huma il-werrieta.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li hija ntitolata ghall-hlas ta' servigi minnha rezi lill-istess Eduard Vassallo.

2. Tiddikjara li l-istess konvenuti, bhala eredi ta' Eduard Vassallo huma responsabbli lejha ghall-hlas ta' dawn is-servigi.

3. Tillikwida l-ammont dovut lill-attrici ghas-servigi minnha rezi, kif fuq inghad.

4. L-istess konvenuti jigu kundannati jhallsuha dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficcjali tal-ghaxra (10) ta’ April 2002, kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet pprezentata fit-3 ta’ Settembru, 2002 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxew:

Illi l-eccipjenti m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk qeghdin jirriservaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Ottubru, 2004 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza fejn l-attrici qed titlob il-hlas ghal servigi illi hija qed tghid illi rrendiet lill-mejjet Eduard Vassallo.

Mill-provi processwali hu assodat illi l-attrici rrendiet dawn is-servigi u anke persuni li zgur ma ghandhom ebda interess fil-kwistjoni jikkonfermaw illi ghal numru kbir ta’ snin l-attrici kienet l-unika persuna li kienet tiehu hsieb il-mejjet, specjalment wara li mietet ohtu. Fi kliem l-attrici (Fol 33) *jien ili sbatax il-sena nsefter, nahsel u niehu hsieb kemm lil Antonia Galea, iz-zija ta’ Eduard u kemm lil Eduard Vassallo. Kemm ilha li mietet Miriam, oht Eduard, ix-xoghol tad-dar waqa’ fuqi.*

Jidher li l-attrici kienet gara tal-mejjet u meta dan sab ruhu wahdu kienet hi li tiehu hsieb l-affarijiet l-iktar importanti ghalih. Dan ikkonfermawh Joe Ellul (Fol 35) li kien mizzeweg lil oht il-mejjet, Roland Magri li kien ukoll gar tal-mejjet, Rose Mary Moran u t-tabib Dottor Vincent Moran li kien it-tabib kuranti tal-mejjet ghal diversi snin u li kkonferma li meta kien jaghmel zjara medika lill-mejjet, l-attrici kienet kwazi dejjem tkun prezenti.

Da parti taghhom il-konvenuti ma kienux f'pozizzjoni li jressqu provi u kwindi il-Qorti se tiehu bhala veritjieri l-provi prodotti mill-attrici anke ghaliex xehdu favur taghha nies qrib sewwa tal-mejjet. Ma jidhirx lanqas li l-attrici giet b'xi mod kompensata ghal dak li ghamlet u billi ma kien hemm ebda parentela bejn il-mejjet u l-attrici zgur ma jistax jigi argumentat illi hija rrendiet is-servigi mhux bi skop li tigi kompensata. Dan anke jekk f'kull kaz gie diversi drabi ribadit mill-Qrati taghna illi l-principju tal-gratwita u rinunzja ghal kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment – ara per esempju is-sentenza Agius vs Galea (12 ta' Frar, 1996) u Catania et vs Agius (11 ta' Dicembru, 2003) it-tnejn decizi minn din il-Qorti.

Jibqa' allura il-kwistjoni tal-likwidazzjoni tal-kumpens. Kif din il-Qorti rriteniet fil-kawza fl-ismijet Vassallo vs Aquilina (29 ta' Gunju, 1982) fir-rigward tal-kumpens, wiehed ghandhu jzomm f'mohhu;

1. Il-frekwenza u x-xorta tas-servigi;

2. Il-mezzi tal-konvenut (hafna drabi decujus) illi bbenfika mis-servigi; u

3. Il-parentela bejn il-partijiet.

Konsiderazzjonijiet ohra li xi drabi gew konsiderati huma jekk *il-qaddej ikiddx l-istess sahhtu biex jaqdi lill-haddiehor jekk*

*humiex xi affarijet li kullhadd jista' jidhol ghalihom ... u jekk il-*
*qaddej jinkorrix spejjes li taghhom ma giex rimborsat.* (Catania vs Agius – supra). Din l-istess sentenza li tat ukoll rassenja storika ta' kif gew likwidati s-servigi mal-kors taz-zmien ikkonkludiet ukoll illi;

*...wiehed jista' jsib illi l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti fenominali u dan peress li s-servizi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta' parentela bejn il-partijiet u anke ghaliex it-talba ghall-hlas ta' servigi kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza* Delicata vs Saliba *deciza fit-22 ta' Mejju, 1989 hi bazata fuq kwazi kuntratt u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn min jirrendi s-servigi u u l-beneficcjaru u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzoni diversi fatturi ohra li ftit jew wisq inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi resi u l-hlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xoghol li sar izda adegwat mehud kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz.*

F'dan il-kaz ma kien hemm ebda parentela kif gia' inghad u minn ezami tal-provi li tressqu fir-rigward tal-assi li halla l-mejjet ma hemm ebda diffikolta' biex wiehed jikkonkludi li l-mejjet ma kienx xi sinjur izda mill-banda l-ohra lanqas ma kien minghajr mezzi. Kien impjegat bhala messaggier ma' bank, wiret lill-genituri tieghu u lil ohtu u ghalhekk kien jipposjedi xi proprjeta' mmobbli u halla somma diskreta depositat f'banek lokali. Kien guvni u kwindi ma kellux wisq spejjes. Certament ghalhekk ma kienx indigenti u il-Qorti thoss li la hemm skop li wiehed jiftah idejh izda lanqas jaghlaqha f'dan ir-rigward.

Fil-kawza Catania vs Agius fuq citata il-Qorti kienet akkordat Lm5 fil-gimgha izda f'din il-kawza hemm zewg fatturi li minhabba fihom il-Qorti ser takkorda somma ikbar u dawn huma n-nuqqas ta' parentela fuq imsemmija (Catania vs Agius kienet tirrigwardja servigi bejn iben u omm) u l-inflazzjoni.

Din il-kawza tirrigwardja servigi resi sas-sena 2001 u Catania vs Agius sas-sena 1993. Ghalhekk il-Qorti ser takkorda servigi
ghall-ammont ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha, ammontanti b'kollox ghal tmint elef, tmien mija u erbghin liri Maltin (Lm8,840) fuq perjodu ta' sbatax il-sena.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici; u**

**1. tiddikjara li l-attrici haqqha l-hlas ghas-servigi li rrendiet lil Eduard Vassallo;**

**2. tiddikjara l-eredi tal-istess Eduard Vassallo rapresentati mill-kuraturi deputati f'din il-kawza responsabbli lejha ghall-hlas ta' dawn is-servigi;**

**3. tillikwida l-ammont dovut ghas-somma ta' tmint elef, tmien mija u erbghin lira Maltin (Lm8,840); u**

**4. tikkundanna l-konvenuti ihallsu lill-attrici s-somma imsemmija ta' tmint elef, tmien mija u erbghin lira Maltin (Lm8,840);**

**It-talba ghall-interessi hija michuda ghaliex l-ammont dovut gie likwidat permezz ta' din is-sentenza. L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-konvenuti izda d-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu provizorjament mill-attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------